MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tas-17 ta' Novembru, 2006

Citazzjoni Numru. 939/2006

HSBC Bank (Malta) p.l.c.
vs
Firm Eliseo Muscat Limited, Annunziata sive Nancy Muscat, Marisa Muscat u Audrey Ann Muscat

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors tal-bank rikorrent li bih espona:

1. Illi l-kumpanija intimata Firm Eliseo Muscat Limited kienet debitrici tal-bank rikorrent fis-somma ta' ghaxart elef sitt mija hamsa u sebghin lira Maltin u tlieta u tletin centezmi (LM10,675.33) oltre l-imghax legali bir-rata ta' tmienja fil-mija fis-sena (8% p.a.) mill-15 ta' Dicembru, 2004 sad-data tal-pagament effettiv rapprezentanti somom addebitati fl-akkont bin-numru 061-098331-300 li ghandha l-kumpanija intimata mal-bank rikorrent a tenur ta' facilita ta' *overdraft* moghtija lill-istess kumpanija

intimata u regolata skond ilkundizzjonijiet kif stipulati *fis-sanction letter* datata 20 ta' Jannar, 2004 (Dok 'A');

2. Illi ghalkemm interpellata diversi drabi inkluz b'ittra ufficjali datata 11 ta' Mejju, 2006 (Dok 'B') sabiex thallas l-ammonti dovuti minnha kemm kapital kif ukoll l-imghax, il-kumpanija intimata kienet naqset milli thallas u ghalhekk il-bank rikorrent ma kellux triq ohra hlief illi jaghmel din il-kawza;

3. Illi permezz ta' garanzija personali ffirmata mill-intimati l-ohra Annunziata Muscat, Marisa Muscat u Audrey Ann Muscat fit-8 ta' April, 2004 (Dok 'C') l-istess intimati kienu ntrabtu solidament mal-kumpanija intimata Firm Eliseo Muscat Limited u solidament bejniethom ghall-hlas tas-somom kollha illi kienu jistghu jkunu dovuti mill-istess kumpanija intimata sa ammont massimu ta' sebat elef lira Maltin (LM7,000) flimkien ma' l-imghaxijiet minn sitt xhur qabel id-data li l-istess intimati jigu interpellati ghall-hlas sad-data tal-pagament effettiv u ghall-ispejjez kollha inkorsi mill-bank rikorrent ghall-ezekuzzjoni tal-hlas dovut lilu;

4. Illi minkejja li l-garanti intimati msemmija kienu gew interpellati sabiex ihallsu s-somma minnhom garantita ta' sebat elef lira Maltin (LM7,000) flimkien ma' l-imghaxijiet legali fuq l-istess somma u l-ispejjez permezz ta' ittri ufficjali rispettivi datati 11 ta' Mejju, 2006 (Dok 'D', 'E' u 'F') sad-data ta' lum dawn kienu baqghu inadempjenti;

5. Illi l-ammonti dovuti mill-kumpanija intimata u dawk dovuti mill-intimati l-ohra in solidum ma' l-istess kumpanija u in solidum bejniethom kienu certi, likwidi u dovuti u sa fejn kien jaf il-bank rikorrenti la l-kumpannija intimata u wisq anqas l-intimati l-ohra ma kellhom eccezzjonijiet x'jaghtu kontra t-talbiet tal-bank rikorrent u ghalhekk kienu jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi sabiex dawn it-talbiet tal-bank rikorrent jigu decizi bid-dispensa tas-smiegh a tenur tal-Artikolu 167 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta);

Ghaldaqstant il-bank rikorrent talab lill-Qorti biex bid-dispensa tas-smiegh a tenur tal-Artikolu 167 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta) joghogobha:

1. Tiddeciedi u tiddikjara li l-kumpanija intimata Firm Eliseo Muscat Limited hija debitrici tal-bank rikorrent fis-somma ta' ghaxart elef sitt mija hamsa u sebghin lira Maltin u tlieta u tletin centezmi (LM10,675.33) oltre l-imghax legali bir-rata ta' tmienja fil-mija fis-sena (8% p.a.) mill-15 ta' Dicembru, 2004 sad-data tal-pagament effettiv rapprezentanti somom addebitati fl-akkont bin-numru 061-098331-300 illi ghandha l-kumpanija intimata mal-bank rikorrent a tenur ta' facilita ta' *overdraft* moghtija lill-istess kumpanija intimata u irregolata skond il-kundizzjonijiet kif stipulati fis-*sanction letter* datata 20 ta' Jannar, 2004;

2. Tiddeciedi u tiddikjara li l-intimati l-ohra Annunziata Muscat, Marisa Muscat u Audrey Ann Muscat in kwaltu debituri solidali ma' l-istess kumpanija intimata Firm Eliseo Muscat Limited a tenur tal-garanzija ffirmata minnhom fit-8 ta' April, 2004 huma debituri tal-bank rikorrent in solidum ma' l-istess kumpanija intimata u in solidum bejniethom fis-sornma ta' sebat elef lira Maltin (LM7,000) flimkien ma' l-imghaxijiet fuq l-istess somma minn sitt xhur qabel il-11 ta' Mejju, 2006 sad-data tal-pagament effettiv;

3. Tordna konsegwentement lill-kumpanija intimata Firm Eliseo Muscat Limited thallas lill-bank rikorrent is-somma ta' ghaxart elef sitt mija hamsa u sebghin lira Maltin u tlieta u tletin centezmi (LM10,675.33) oltre l-imghax legali bir-rata ta' tmienja fil-mija fis-sena (8% p.a.) mill-15 ta' Dicembru, 2004 sad-data tal-pagament effettiv, rapprezentanti somom addebitati fl-akkont bin-numru 061-098331-300 li ghandha l-kumpanija intimata mal-bank rikorrent a tenur ta' facilita` t' *overdraft* moghtija lill-istess kumpanija intimata u regolata skond il-kundizzjonijiet kif stipulati fis-*sanction letter* datata 20 ta' Jannar, 2004; u

4. Tordna lill-intimati l-ohra Annunziata Muscat, Marisa Muscat u Audrey Ann Muscat sabiex in solidum ma' l-istess kumpanija intimata u in solidum bejniethom ihallsu

lill-bank rikorrent is-somma ta' sebat elef lira Maltin (LM7,000) flimkien ma' l-imghaxijiet legali fuq l-istess somma minn sitt xhur qabel il-11 ta' Mejju, 2006 sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez kollha kontra l-kumpanija intimata inkluzi l-ispejjez tal-erba' ittri ufficjali datati 11 ta' Mejju, 2006 u tal-mandati kawtelatorji prezentati kontestwalment ma' dan ir-rikors.

L-intimati gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensur tal-bank rikorrent.

Ikkunsidrat

**B. PROVI:**
Rat in-nota ta' ammissjoni prezentata mill-intimati kollha fis-16 ta' Novembru, 2006.

**C. KONKLUZJONIJIET:**
Illi ghalhekk fuq ammissjoni, it-talbiet rikorrenti jidhru gustifikati u l-Qorti qed tilqaghhom fis-sens li tiddeciedi u tiddikjara li l-kumpanija intimata Firm Eliseo Muscat Limited hija debitrici tal-bank rikorrent fis-somma ta' ghaxart elef sitt mija hamsa u sebghin lira Maltin u tlieta u tletin centezmi (LM10,675.33) oltre l-imghax legali bir-rata ta' tmienja fil-mija fis-sena (8% p.a.) mill-15 ta' Dicembru, 2004 sad-data tal-pagament effettiv rapprezentanti somom addebitati fl-akkont bin-numru 061-098331-300 illi ghandha l-kumpanija intimata mal-bank rikorrent a tenur ta' facilita ta' *overdraft* moghtija lill-istess kumpanija intimata u irregolata skond il-kundizzjonijiet kif stipulati fis-*sanction letter* datata 20 ta' Jannar, 2004.

Tiddeciedi u tiddikjara li l-intimati l-ohra Annunziata Muscat, Marisa Muscat u Audrey Ann Muscat in kwaltu debituri solidali ma' l-istess kumpanija intimata Firm Eliseo Muscat Limited a tenur tal-garanzija ffirmata minnhom fit-8

ta’ April, 2004 huma debituri tal-bank rikorrent in solidum ma’ l-istess kumpanija intimata u in solidum bejniethom fis-sornma ta’ sebat elef lira Maltin (LM7,000) flimkien ma’ l-imghaxijiet fuq l-istess somma minn sitt xhur qabel il-11 ta’ Mejju, 2006 sad-data tal-pagament effettiv.

Tordna konsegwentement lill-kumpanija intimata Firm Eliseo Muscat Limited thallas lill-bank rikorrent is-somma ta’ ghaxart elef sitt mija hamsa u sebghin lira Maltin u tlieta u tletin centezmi (LM10,675.33) oltre l-imghax legali bir-rata ta’ tmienja fil-mija fis-sena (8% p.a.) mill-15 ta’ Dicembru, 2004 sad-data tal-pagament effettiv, rapprezentanti somom addebitati fl-akkont bin-numru 061-098331-300 li ghandha l-kumpanija intimata mal-bank rikorrent a tenur ta’ facilita` t’ *overdraft* moghtija lill-istess kumpanija intimata u regolata skond il-kundizzjonijiet kif stipulati fis-*sanction letter* datata 20 ta’ Jannar, 2004.

Tordna lill-intimati l-ohra Annunziata Muscat, Marisa Muscat u Audrey Ann Muscat sabiex in solidum ma’ l-istess kumpanija intimata u in solidum bejniethom ihallsu lill-bank rikorrent is-somma ta’ sebat elef lira Maltin (LM7,000) flimkien ma’ l-imghaxijiet legali fuq l-istess somma minn sitt xhur qabel il-11 ta’ Mejju, 2006 sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez kollha kontra l-kumpanija intimata inkluzi l-ispejjez tal-erba’ ittri ufficjali datati 11 ta’ Mejju, 2006 u tal-mandati kawtelatorji prezentati kontestwalment ma’ dan ir-rikors.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------